**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs.**

**Martina Xuereb**

Illum it-13 ta' April 2023

Il Qorti:

Rat illi tressqet **Martina Xuereb** bint Martin Joseph Xuereb u Ruth Schembri, imwielda r-Rabat, Ghawdex, fi 9 ta' Settembru 2001, residenti gewwa 108, Blk C, Triq Alfier De Medran, Tarxien, detentrici tal-karta ta' l-identita' bi numru 23001H.

**U nakkuzak talli fi xhur ta' Settembru 2022u Ottubru 2022, minn gewwa 'Carisma', Pjazza Antoine De Paule, Paola u/jew 'Carisma', Triq in-Naxxar, Iklin:**

1. Ikkomettejt serq ta' flus u/jew ogetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-**persuna** u bil-**valur**, liema ammont **ma jeccedix** l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Carisma Collections Jewellery u/jew entitajiet u/jew persuni ohra.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija ghal reat/i hawn fuq imsemmija u jekk jidrilha xieraq, tordna lil hatja sabiex **tirrestitwixxi** lill-parti offiza kull haga minnha misruqa jew li hi xjentament laqghat ghandha b'ricetazzjoni jew akwistat bi frodi jew qliegh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi/jew permezz tar-reat, jew li thallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra, ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2023 wara li sar l-ezami ta' l-imputata a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata wiegbet li kienet hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha u wissietha solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja taghha u tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha.

Rat li l-imputata regghet tenniet u kkonfermat l-ammissjoni inkondizzjonata taghha.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputata il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputata.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2023.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

**Fatt fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie rapportat lill-pulizija serq li kien sar mill-imputata.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputata ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2023 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibha hatja tar-reat addebitat lilha u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghha.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali ta' l-imputata li hija netta u ma jinsabux registrati ebda sentenzi kontriha.

- Il-ammissjoni bikrija ta' l-imputata li saret fl-ewwel udjenza. Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena

meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[1], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[2], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[3] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[4]

Ghaldaqstant, f'dan il-kaz jista jinghad li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri ghaliex ma kienux diga lahhqu jixdhu x-xhieda kollha jew saru diversi seduti li jirrikjedu hin u spejjez.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet.

- Waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar 2023, l-imputata ghaddiet l-ammont ta' mitejn Euro (€200) flus kontanti lill-parte civile u fis-sottomissjonijiet finali tad-difiza gie iddikjarat li l-imputata kienet lesta li taghmel pagamenti fix-xahar ta' bejn mija u hamsin (€150) sa mitejn (€200) Euro fix-xhar.

- Waqt l-udjenza tat-28 ta' Marzu 2023, id-difiza ta' l-imputata ghaddiet l-ammont ta' hames mitt Euro (€500) fi flus kontanti.

- Fis-sottomissjonijiet finali taghha, il-prosekuzzjoni ikkonfermat li l-ammont globali li rrid jigi rritornat lil-parti offiza huwa ta' €2,286.79 u ghaldaqstant jifdal l-ammont ta' €1,586.79.

- Il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tikkunsidra piena alternattiva ghal dik karcerarja u taghti Ordni ta' Probation, liema Ordni d-difiza qablet.

---

[1] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[2] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[3] Thomson Reuteurs, S-29
[4] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Illi filwaqt li l-Qorti mhix bl-ebda mod marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni l-Qorti tara li l-piena suggerita hija legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi ghal dawk ir-reat li jikkoncernaw il-Kodici Kriminali .

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A, 261(c)u(d), 279(a) u 268(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Martina Xuereb fuq ammissjoni taghha stess, hatja ta' l-imputazzjoniet kif dedotta kontriha u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggiha taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2) mill lum taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' sentejn snin l-imputata igib ruhu tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u

toqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal Probation, inkluz kull direttivi li l-Ufficjal tal-Probation jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. li l-imputata tibqa izomm kuntatt kontinwu mal-istess Ufficjal tal-Probation skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;
3. li l-imputata minnufih tgharraf lil Ufficjal tal-Probation b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;
4. li l-imputata tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Ufficjal tal-Probation kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Ufficjal tal-Probation bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputata.

Il-Qorti spjiegat lil hatja fi kliem car, kemm r-responsabilita taghha u x'jigri jekk hi tikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat l-ufficjal idoneju ghal dan l-ghan.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hatja thallas fi zmien sena mill-llum is-somma ta' elf hames mija, sitta u tmenin Ewro

u disa u sebghin centezmi (€1,586.79) lil Martina Borg. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar it-13 ta' April 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**